

Brussell, 6 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14733/24

CULT 97
EDUC 400
AUDIO 96
JEUN 268
DIGIT 214
RECH 473

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ir-rwol tal-libreriji fl-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument ta' sfond imħejji mill-Presidenza bħala bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tal-25 u s-26 ta' Novembru 2024.

Ir-rwol tal-libreriji fl-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill EYCS tas-26 ta' Novembru 2024.

1. INTRODUZZJONI

Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura 2023-2026¹ jirrikonoxxi r-rwol soċjetali li qed jevolvi tal-libreriji, b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-litteriżmu madwar l-Ewropa. Il-libreriji mhumie x biss repożitorji tal-kotba; huma pjattaformi kruċjali għall-involvement tal-komunità, il-parteċipazzjoni demokratika u l-iżvilupp edukattiv, li joffru firxa wiesgħa ta' servizzi. Il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media, li sar hteġa urġenti f'dinja dejjem aktar diġitali u kkaratterizzata mill-informazzjoni, huwa ċentrali għal dan ir-rwol.

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza tal-libreriji bħala ċentri essenzjali tal-komunità, peress li huma adattaw irwieħhom biex iwasslu kemm servizzi fiżiċi kif ukoll diġitali matul il-lockdowns. Il-libreriji komplew joffru aċċess għal informazzjoni affidabbli, u għaldaqstant servew ta' alleati kruċjali fil-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni – kompitu li għadu aktar rilevanti minn qatt qabel. Skont il-Manifest tal-Libreriji Pubbliċi tal-IFLA-UNESCO (2022)², il-libreriji jridu jiffunzjonaw bħala faċilitaturi tat-tagħlim tul il-ħajja u tal-litteriżmu fil-media, billi jgħammru liċ-ċittadini bl-għodod li jeħtieġu biex jinnavigaw l-ambjent kumpless tal-media tal-lum.

¹ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022G1207\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022G1207(01))

² IFLA: International Federation of Library Associations and Institutions (Federazzjoni Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet u l-Istituzzjonijiet tal-Libreriji), <https://www.ifla.org/public-library-manifesto/>

Il-pjan ta' Hídma għall-Kultura 2023-2026 jindika wkoll li grupp tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) għandu jaħdem fuq il-libreriji bejn l-2024 u l-2025 biex jeżamina aktar ir-rwol tal-libreriji fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni kulturali u l-iżvilupp tal-ħiliet, filwaqt li jappoġġa mhux biss il-litteriżmu iżda wkoll l-għanijiet usa' tal-inklużjoni soċjali u d-demokrazija. Barra minn hekk, il-linji gwida³ tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-EBLIDA jtennu r-rwol kruċjali tal-politiki tal-librerija fit-trawwim ta' soċjetà demokratika, infurmata tajjeb, ekwa, sostenibbli, koeżiva u inklużiva.

2. SFIDI EWLENIN LI GĦANDHOM JIĠU INDIRIZZATI

L-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media huwa wieħed mill-aktar sfidi sinifikanti li qed jiffaċċjaw is-soċjetajiet moderni, inkluż fl-Ewropa. Il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni jinfirxu malajr, sikwit aggravati minn pjattaformi diġitali u minn xenarju tal-media frammentat. Peress li t-teknoloġija tal-media qed tevolvi b'pass mgħaġġel, il-ħiliet li n-nies jitgħallmu matul l-edukazzjoni formali jeħtieġu aġġornament kostanti. Il-libreriji, permezz tal-istatus fdat tagħhom u l-preżenza stabbilita fil-komunitajiet, jinsabu f'pożizzjoni unika biex jaġixxu bħala intermedjarji bejn iċ-ċittadini u l-ammonti kbar ta' informazzjoni li jiltaqgħu magħhom. Huma jistgħu jagħmlu dan billi joffru taħriġ, jospitaw programmi edukattivi u jipprovdu riżorsi li jrawmu sensibilizzazzjoni dwar il-konsum u l-ħolqien tal-media. Għaldaqstant, il-libreriji jistgħu jaġixxu bħala ċentri ta' taġlim multifunzjonali fil-livell tal-komunità filwaqt li jappoġġaw it-taġlim tul il-ħajja.

³ EBLIDA: European Bureau of Library, Information and Documentation Associations (Uffiċċju Ewropew tal-Assoċjazzjonijiet tal-Libreriji, tal-Infurmazzjoni u tad-Dokumentazzjoni), <https://www.eblida.org/News/2022/Council-of-Europe-EBLIDA-Guidelines-on-Library-legislation-and-policy-in-Europe-en.pdf>

Madankollu, iridu jiġu indirizzati diversi sfidi ewlenin biex il-libreriji jisfruttaw dan il-potenzjal bis-sħiħ:

- Lakuni fl-edukazzjoni dwar il-litteriżmu fil-media: L-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji diġitali tisser li l-programmi tal-litteriżmu tal-media jridu jiġu aġġornati regolarment biex jibqgħu rilevanti. Il-libreriji jeħtieġ li joffru programmi ta' taħriġ u jaġhmlu disponibbli għodod li mhux biss jgħallmu l-ħiliet bażiċi tal-media iżda jappoġġaw ukoll l-edukazzjoni formali, speċjalment fir-rigward tal-ħsieb analitiku, l-identifikazzjoni ta' sorsi kredibbli, il-fehim tal-preġudizzju tal-media, in-navigazzjoni ta' pjattaformi online għal esperjenza online sikura, il-ħiliet fil-ħolqien tal-kontenut, l-involvement fil-partekipazzjoni demokratika u l-użu etiku tal-informazzjoni. Il-libreriji jaqdu firxa wiesgħa ta' utenti, mit-tfal sal-anzjani, b'livelli differenti ta' ħiliet fil-litteriżmu fil-media. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu pprovduti programmi ta' litteriżmu fil-media li jkunu mfassla apposta biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' gruppi soċjetali differenti.
- Infrastruttura u finanzjament: Filwaqt li ħafna libreriji mxew lejn is-servizzi diġitali, l-inugwaljanzi fl-infrastruttura – speċjalment f'żoni rurali u remoti – jaffettwaw l-effettività tagħhom fil-promozzjoni tal-litteriżmu bażiku fil-media. Huwa kruċjali li jkun hemm finanzjament adegwat sabiex jitnaqqsu dawn id-diskrepanzi u jiġi standardizzat il-livell ta' aċċess għar-riżorsi fir-reġjuni kollha. Is-sħubijiet mal-iskejjel, mad-dinja akkademika, mal-kumpaniji tat-teknoloġija u ma' kumpaniji rilevanti oħra tas-settur privat, u ma' fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet ċivili għandhom rwol vitali fl-espansjoni tal-programmi tal-litteriżmu fil-media. Il-mobilizzazzjoni ta' għarfien espert u riżorsi esterni tista' tgħin biex jiżdiedu l-inizjattivi tal-litteriżmu fil-media sabiex tintlaħaq udjenza usa', jiġi attirat għarfien immirat u jiġu żviluppati kurrikuli mfassla apposta.
- Żvilupp tal-ħiliet tal-librara: Il-libreriji ma jistgħux javvanzaw il-ħiliet tal-litteriżmu fil-media mingħajr ma jinvestu fir-riżorsi umani tagħhom. Il-librara jeħtieġu taħriġ kontinwu biex jibqgħu aġġornati dwar l-avvanzi teknoloġiċi u l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-komunitajiet li huma jaqdu. L-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-librara jkunu jistgħu jiggwidaw liċ-ċittadini fin-navigazzjoni tal-ambjent tal-informazzjoni diġitali tal-lum.

3. MISTOQSIJET GĦAD-DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

Il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex jespioraw u jaqsmu l- informazzjoni intuwittiva dwar kif il-libreriji jistgħu jtejbu l-ħiliet tal-litteriżmu fil-media tas-soċjetà, abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

- Ir-rwol tal-libreriji: *Kif jistgħu l-libreriji jespandu l-programmi tagħhom tal-litteriżmu fil-media biex itejbu l-litteriżmu fil-media u l-ħiliet kritiċi tal-qari fost iċ-ċittadini biex jgħinuhom jindirizzaw aħjar l-isfidi tal-era diġitali (pereżempju d-diżinformazzjoni online, il-bullying online u d-diskors ta' mibegħda online, deepfakes)?*
- Ir-riżorsi meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta' kwalità għolja: *Liema sħubijiet, pereżempju mad-dinja akkademika, kumpaniji u organizzazzjonijiet tat-teknoloġija, għandhom jingħataw prijetà biex jiġi żgurat li l-libreriji jibqgħu aġġornati bl-għarfien li s-soċjetà ġeneralment teħtieġ u liema inizjattivi fil-livell tal-UE jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-għan?*
- Ħiliet li għandhom jinkisbu mil-librara: *X'ħiliet speċifiċi jeħtieġu l-librara biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jgħallmu l-litteriżmu fil-media u jrawmu l-ħsieb kritiku fost l-utenti tagħhom?*